13 ta' Jannar, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Angelo Bonello *versus* George Buhagiar

**Obligazzjoni — Mara — Mandat — Bżonnijiet Ordinarji u Gornaljeri — Art. 1014 u 1015 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Bħala regola, il-liġi tiċħad il-kapaċità tal-mara miżżewġa li tikkuntratta f'dawk l-atti li hija tagħmel f'isimha u fl-interess tagħha, jew f'isem żewġha, meta ma tkunx ħadet il-kunsens għal hekk minn għandu. Dan il-kunsens, però, huwa preżunt meta l-obligazzjoni li tassumi l-mara, li tkun tgħix ma' żewġha, tkun manifestament tant vantaġġuża li għandha tiġi ritenuta kuntratta għall-vantaġġ tal-familja, bħal ma huma l-konvenzjonijiet għall-bżonnijiet ordinarji tad-dar, soliti u ta' kuljum; f'liema każ il-mara tobliga lir-raġel, u mhux lilha nnfisha.*

*Din il-preżunzjoni, però, hija "juris tantum"; b'mod li, jekk jirriżulta li r-raġel qatt ma ta lil martu l-kunsens biex tixtri dawk il-bżonnijiet bid-dejn, anzi wissiha biex ma tixtri xejn bid-dejn, il-konvenzjoni tal-mara ma tobbligahx.*

*Huwa veru li fil-konfront tat-terzi l-liġi tippreżumi l-mandat taċitu tar-raġel lil martu li tixtri kwejjeġ ta' neċessità, u li ma jinkombix lill-bejjiegħ li jindaga jekk ir-raġel forniex jew le lil martu l-flus meħtieġa għal dak ix-xiri; imma din il-preżunzjoni ma sseħħx jekk it-terzi kienu jafu, jew kien messhom miċ-ċirku-*

*stanzi jippreżumu, illi l-mara realment kellha l-flus minn għand żewġha biex tixtri certu oġġett, u li hija kkonvertiet dawk il-flus f'użu ieħor.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat li jħallsu s-somma ta' £19. 3. 0, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' oġġetti ta' l-ilbies u bjankerija lilu mibjugħa u konsenjati permezz tal-mara tiegħu. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Awissu 1953, kontra l-konvenut, li ġie inġunt biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat illi l-mara tal-konvenut xtrat minn għand l-attur l-oġġetti msemmija fiċ-ċitazzjoni, tal-prezz kompless ta' £25. 3. 0, li minnhom hija ħallset akkont £6. u hekk l-attur baqgħalu jieħu l-bilanċ ta' dak il-prezz fl-ammont ta' £19. 3. 0. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hi illi huwa ma xtara u lanqas ma rċieva xejn minn għand l-attur, u illi dak li xtrat martu, din xtratu mingħajr kunsens tiegħu, u għalhekk xejn ma hu dovut minnu;

Illi l-allegazzjoni tal-konvenut tidher li għandha tiġi mikjugħa. Bħala regola, il-liġi tiċħad il-kapaċità tal-mara miżżewġa li tikkuntratta f'dawk l-atti li hija tagħmel f'isimha u fl-interess tagħha, jew f'isem żewġha, meta ma tkunx ħadet il-kunsens għal hekk minn għandu (art. 1014 Kap. 23). Għal dan hemm eċċezzjonijiet, meta l-kunsens tar-raġel hu preżunt minn natura stess ta' l-obligazzjonijiet li tassumi martu, li jkunu manifestament tant vantaġġjużi illi għandhom jiġu ritenuti kuntratti għal vantaġġ tal-familja, bħal ma huma l-konvenzjonijiet għall-bżonnijiet tad-dar, soliti u ta' kull jum (art. 1015 Kap. 23); b'mod illi, meta mara miżżewġa li tgħix mar-raġel tagħha tikkuntratta xi obligazzjoni li hi manifestament vantaġġjuża għall-familja, obligazzjoni bħal din għandha tiġi ritenuta bħala kuntrattata bil-kunsens taċitu tar-raġel, u l-mara miżżewġa, meta hekk tikkuntratta, tobliga mhux lilha nnifisha, iżda lir-raġel tagħha (Vol. XXX —I—941);

Fil-każ taħt eżami l-oġġetti li xtrat il-mara tal-konvenut ma jistgħux jissejħu għal kollox "bżonnijiet tad-dar, soliti u ta' kull jum"; u għad illi huma oġġetti ta' bżonn u ta' vantaġġ għall-familja, jirriżulta illi l-istess ma servewx u ma avvan aġġjawx lill-familja tal-konvenut. Barra minn dan, il-preżunzjoni tal-kunsens tar-raġel, ġa msemmija, mhijiex ħlief "juris tantum"; u fil-każ ta' din il-kawża jirriżulta li l-konvenut qatt ma ta permess lil martu biex tixtri dawk l-oġġetti; mhux biss, anzi jirriżulta illi huwa dejjem wissa lil martu biex ma tixtri xejn bid-dejn. Il-mara tal-konvenut xehdet illi hija kienet tgħid lill-attur illi l-oġġetti li kienet tixtri minn għandu ma kienux għaliha, imma kienu għal ħadd ieħor. Din iċ-ċirkustanza, għalkemm miċħuda mill-attur, tidher korroborata mill-fatt illi darba................ Għalhekk, jekk ma kienx jaf direttament minn għand il-mara tal-konvenut, hu żgur illi l-attur kellu dubju serju jekk dina kienetx qiegħda tixtri dawk l-oġġetti kollha għall-familja tagħha, u konsegwentement bil-kunsens ta' żewġha, il-konvenut. U dan ma setax ikun mod ieħor................;

Illi hu veru illi fil-prattika jiġri spiss illi xi rġiel jikkonsenjaw il-qliegħ lill-mara tagħhom, li tkun tgawdi l-fiduċja tagħhom, u jiddelegawlha l-amministrazzjoni domestika; u f'dan il-każ tkun inġustizzja li jingħata tort lil min ibiegħ lil dawn in-nisa, li bil-bona fede kollha jakkordaw kreditu lil mara miżżewġa, meta hu konoxxut illi r-raġel hu l-mandant taċitu tagħha, u meta dan ma jkunx iddiffidahom (Vol. XXVI —I—340). Imma, bħal ma ntqal, ma jidherx, fil-każ taħt eżami, illi l-attur kien, almenu għal kollox, in bona fede meta huwa ta kreditu lill-mara tal-konvenut; u hu ċert illi huwa ma kienx żgur illi l-konvenut kien il-mandant taċitu ta' martu. Il-konvenut ma setax jiddiffida lill-attur, għaliex, kif ġie pruvat, il-mara tiegħu qatt ma daħħlet fid-dar tiegħu l-oġġetti li hija xtrat minn għand l-attur, u għalhekk huwa ma kienx jaf b'dawk l-oġġetti u bix-xiri tagħhom;

Illi fil-każ ta' din il-kawża *jirriżulta illi l-mara tal-konvenut* kienet tagħmel dejn bil-moħbi ta' żewġha, u dan meta huwa kien jagħtiha regolarment is-salarju kollu li kien jaqla', u kien iwissiha, billi għandu familja kbira, biex ma tix-

tri xejn bid-dejn. F'dawn iċ-ċirkustanzi għandha tiġi eskluża l-preżunzjoni tal-mandat taċitu 'l fuq ġa msemmija, billi, kif jesprimi ruħu l-Halsbury (The Laws of England, Vol. XVI, no. 857, page 422), "the presumption of authority may also be rebutted by proof that the wife was sufficiently provided with necessaries or with adequate allowance for the purpose of purchasing them; and if, by arrangement with her husband, the wife is allowed a definite sum for household expenses, the presumption of authority is rebutted, whether the allowance is adequate or not, because in such case they must be taken to have agreed that she should not pledge his credit beyond the amount of the allowance, though he did not in definite terms prohibit her from doing so";

Hu minnu illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fid-9 ta' Novembru 1911, fil-kawża fl-ismijiet "Cini vs. Borda" (Vol. XXI—II—364), fil-konfront tat-terzi l-mandat tar-raġel lil martu li tixtri ħwejjeġ ta' neċessità hu preżunt, u ma jinkombix lill-bejjiegħ li jindaga jekk ir-raġel forniex jew le l-flus meħtieġa għal dak ix-xiri; imma dik l-istess sentenza kompliet tgħid:— "Salva r-responsabilità tat-terzi, jekk kienu jafu, jew kien messhom jippreżumu miċ-ċirkustanzi, illi l-mara realment kellha l-flus minn għand żewġha biex tixtri ċertu oġġett u hija kkonvertiet l-istess flus f'użu ieħor". U f'dan il-każ jirriżulta illi l-attur kien jaf, jew almenu kien messu kien jaf, kif ġa ntqal, illi l-oġġetti li l-mara tal-konvenut kienet qiegħda tixtri minn għandu ma kienx jaf bihom il-konvenut żewġha, u għalhekk dana ma hux responsabili di fronti għall-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tirrespinġi t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---